Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 31 ta' Marzu 2017**
**(OR. fr)**

**7784/17**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2016/0027 (COD)**

**CODEC 505**
**TELECOM 74**
**AUDIO 33**
**MI 286**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu tal-banda ta' frekwenzi 470-790 MHz fl-Unjoni **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġislattiv |

1. Fit-2 ta' Frar 2016, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha[1], ibbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ta l-opinjoni tiegħu fil-25 ta' Mejju 2016[2]. Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat.

3. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni fil-15 ta' Marzu 2017. Ir-riżultat tal-vot tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill[3].

1 dok. 5814/16.
2 ĠU C 303, 19.8.2016, p. 127.
3 dok. 7237/17.

4. Konsegwentement, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden biex jikkonferma l-qbil tiegħu u biex jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' sessjoni li jmiss, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 5/17.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv jiġi adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---